*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,713, 5 ta' Frar, 1993*

*Taqsima C*

# Nru. 53

5. 2. 93

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Ugo Mifsud Bonnici, M.P., Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-2 ta' Frar, 1993.

**ATT biex jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni, Kap. 327.**

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Ugo Mifsud Bonnici, M.P., Minister of Education and Human Resources, and read the First time at the Sitting of the 2nd February, 1993.

**AN ACT to amend the Education Act, Cap. 327.**

RICHARD J. CAUCHI
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni, Kap. 327.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1993 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Edukazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 327

**2.** Fil-paragrafu (ġ) fl-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "maħtur mill-Ministru" għandu jiżdied il-kliem "u membru maħtur mill-Fondazzjoni ta' Studji Teoloġiċi". Emenda ta' l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali.

**3.** Fil-paragrafu (f) fl-artikolu 36 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "lill-amministrazzjoni tal-Fakultà" għandu jiżdied il-kliem "b'dana iżda illi ż-żewġ membri li jirrappreżentaw l-interessi ta' barra l-Fakultà tat-Teoloġija għandhom jiġu maħtura mill-Ministru skond l-indikazzjonijiet mogħtija mill-Fondazzjoni ta' Studji Teoloġiċi". Emenda ta' l-artikolu 36 ta' l-Att prinċipali.

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' l-Abbozz huwa sabiex jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni dwar il-Kostituzzjoni tal-Kunsill ta' l-Università u l-Kostituzzjoni tal-Bordijiet tal-Fakultajiet.

## A BILL
## entitled

*AN ACT to amend the Education Act, Cap. 327.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title. Cap. 327

**1.** This Act may be cited as the Education (Amendment) Act, 1993, and shall be read and construed as one with the Education Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 32 of the principal Act.

**2.** In paragraph (g) in section 32 of the principal Act, immediately after the words "appointed by the Minister" there shall be added the words "and a member appointed by the Foundation for Theological Studies".

Amendment of section 36 of the principal Act.

**3.** In paragraph (f) in section 36 of the principal Act, immediately after the words "administration of the Faculty" there shall be added the words "provided that the two members representing the interests outside the Faculty of Theology shall be appointed by the Minister in conformity with the indications given by the Foundation for Theological Studies".

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to amend the Education Act regarding the Composition of the Council of the University and the Composition of the Faculty Boards.